MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-21 ta' April, 2023

Rikors Numru 656/2022 LM

**Margaret Psaila; Nazzarena Farrugia; Joseph Gheiti; Pauline Mary Axiaq; Saviour Gheiti; Felix Gheiti; u Emanuel Gheiti li qed jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju speċjali ta' ħutu l-assenti Ann Mary Borg u Carmel Gheiti**

**vs.**

**Rose Marie Camilleri**

**Il-Qorti,**

1. Illi permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru, 2022, il-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l-Bord'] laqa' t-talba tar-referenti Rose Marie Camilleri imressqa permezz tar-rikors tagħha tal-31 ta' Mejju, 2022, sabiex qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, jirreferi l-kwistjoni dwar l-applikabilità o meno tal-artikolu 12B(11) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta għall-proċeduri pendenti quddiem il-Bord quddiem forum kostituzzjonali, sabiex jiġi determinat jekk it-talbiet tar-rikorrenti li huma limitati għall-iżgumbrament tagħha mill-fond humiex ġustifikati, meta l-leġislatur introduċa liġijiet ġodda li bis-saħħa tagħhom il-

jeddijiet tal-partijiet, kemm tas-sidien kif ukoll tal-inkwilini, jistgħu jiġi kkawtelati aħjar.

2. Permezz ta' digriet tas-7 ta' Diċembru, 2022, il-Bord ordna li l-atti jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jiġu trasmessi lill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali biex jiġu deċiżi d-domandi mressqa mill-intimata, permezz tar-rikors tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2022, fejn talbet sabiex is-segwenti domandi jiġu riferuti lill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali mill-Bord:

1. *Jekk l-iter proċesswali segwit quddiem il-Bord, partikolarment bl-aċċettazzjoni tar-rikors tas-sidien tal-fond, li qegħdin jitlobu lill-Bord jiddispensa mis-smigħ u jgħaddi biex jordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond, huwiex leżiv tal-jeddijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif sanċiti kemm bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba li hija għandha l-aspettattiva leġittima li ladarba hemm liġi li tapplika għaċ-ċirkostanzi tagħha, dik il-liġi kellha tiġi applikata* ad unguem*?*
2. *Jekk is-sidien tal-fond setgħux jiftħu proċeduri għall-iżgumbrament tagħha mill-fond qabel tiġi eżawrita l-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 12B(11) tal-Kap. 158, jiġifieri li mandatorjament jintalab li jsir it-test tal-mezzi tagħha bħala inkwilina, kif kienet tipprovdi l-liġi fiż-żmien meta s-sidien tal-fond ipproċedew kontra tagħha quddiem il-Bord?*
3. *Jekk illi l-fatt li l-artikolu 12B(11) tal-Kap. 158 li sussegwentement tneħħa, jekk il-liġi kif inhi fl-preżent xorta waħda tipprovdix għal test tal-mezzi tal-inkwilin u għal sitwazzjoni fejn ir-ripreża ta' fond mis-sidien hija possibbli biss f'ċerti ċirkostanzi tal-artikoli tal-Kap. 158?*
4. *Jekk l-intimata għandhiex dritt kweżit u aspettattiva leġittima li l-proċeduri fil-konfront tagħha jkunu regolati bil-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien meta r-rikorrenti fetħu dawn il-proċeduri fil-konfront tagħha?*
5. *Jekk il-liġi applikabbli tawtorizzax lis-sidien jipproċedu kontra tagħha għall-iżgumbrament tagħha mill-fond qabel dawn jesploraw/jeżawrixxu l-possibiltajiet kollha tal-Kap. 158*
6. *Jekk a tenur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, ir-rikorrenti għandhiex jedd ikollha għarfien ta' liema hija l-liġi li ser tiġi nvokata fi proċeduri kontra tagħha, inkluż iċ-ċertezza li hija tkun taf liema hija l-liġi applikabbli għaċ-ċirkostanzi tagħha?*
7. *Jekk il-fatt li l-intimata bbażat in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha fuq id-drittijiet u s-salvagwardji li jagħti l-artikolu 12B(11) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li dik*

*kienet il-liġi veljanti fiż-żmien li fih inbdew il-proċeduri kontrieha quddiem il-Bord, liema artikolu llum ġie abbolit mil-liġi, imurx kontra d-drittijiet kweżiti tagħha u l-aspettattivi tagħha?*

8. *In vista tal-fatt li l-Att XXIV tal-2021 (li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Mejju, 2021 u għalhekk ferm wara li nfetħu l-proċeduri kontra r-rikorrenti mis-sidien tal-fond fejn hija tgħix), u li abolixxa l-artikolu 12B(11), jekk l-artikolu 12B jagħtix rimedju ta' azzjoni lis-sidien quddiem qorti ordinarja, u jekk jagħtix livell akbar ta' protezzjoni lill-inkwilini, liema artikolu għadu fis-seħħ?*

3. Permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar, 2023, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors ippreżentat mir-referenti fl-1 ta' Diċembru, 2022, lill-Avukat tal-Istat u lir-rikorrenti Margaret Psaila, Nazzarena Farrugia, Joseph Gheiti, Pauline Mary Axiaq, Saviour Gheiti, Felix Gheiti u Emanuel Gheiti li qed jidher kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala mandatarju speċjali ta' ħutu l-assenti Ann Mary Borg u Carmel Gheiti, [hawnhekk 'ir-riferuti'], b'għoxrin (20) jum għar-risposta tagħhom.

4. Rat ir-risposta tar-referuti Margaret Psaila et tat-2 ta' Frar, 2023, fejn issollevaw preliminarjament in-nullità tar-referenza magħmula lil dina l-Qorti, billi l-Bord li Jirregola l-Kera ma jistax jordna jew iwettaq riferenza skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u, jew skont l-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ġaladarba bordijiet u tribunal mhumiex ikkunsidrati bħala 'qorti' għal finijiet tad-disposizzjonijiet ċitati.

5. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fis-6 ta' Frar, 2023, fejn għamel riferiment għall-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu li jekk tqum kwistjoni dwar wieħed mill-jeddijiet fundamentali quddiem qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni ma tkunx waħda

sempliċement frivola jew vessatorja, u sostna illi minn kliem il-liġi hija qorti biss li tista' tibgħat kwistjoni bħal din quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Din għalhekk teskludi bordijiet bħall-Bord tal-Arbitraġġ Dwar Artijiet (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. Ignatius Licari nomine** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2004), kif ukoll tribunali bħat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (ara **Anthony Grech *vs.* Claire Calleja et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2008). Qal illi fl-istess vena teskludi wkoll il-Bord li Jirregola l-Kera.

**Ikkunsidrat:**

6. Illi l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid:

> "(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.".

7. Illi l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> "(3) Jekk f'xi proċedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għaddisposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.".

8. Illi skont l-artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-kelma 'qorti' hija mogħtija din it-tifsira għall-għanijiet tal-kapitolu tal-istess Kostituzzjoni dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali:

> “"qorti" tfisser kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinarja u fl-artikoli 33 u 35 ta' din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja qorti hekk imwaqqfa.”.

9. Din il-Qorti tqis li r-riferuti Margaret Psaila et u l-Avukat tal-Istat għandhom raġun dwar din l-eċċezzjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet *vs.* Ignatius Licari nomine**[1] kienet daħlet fil-fond ta' din il-kwistjoni dwar liema interpretazzjoni għandha tingħata lill-kelma 'qorti' fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 li huwa mmudellat fuq l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Dik il-Qorti kienet qalet illi:

> *“Kif tajjeb ġie osservat fis-sentenza appellata, hemm żewġ interpretazzjonijiet li jistgħu jingħataw lill-kelma “qorti” – waħda li tillimita din il-kelma għal dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja (u li huma dejjem preseduti minn Imħallef jew minn Maġistrat), u oħra li testendi din il-kelma għal kull organu (li jista' jissejjaħ anke “tribunal”, “bord”, “kummissjoni”, “panel” eċċ.) li għandu ċerta funzjoni aġġudikanti simili għal dik ta' organu li jissejjaħ “qorti” u li jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja kif ingħad. Però wieħed ma jistax jargumenta li, għax tali organu għandu l-istess funzjoni, jew funzjoni simili għal dik, ta' “qorti” allura dak l-organu hu “qorti” għall-fini tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu korrispondenti tal-Kap. 319. Wieħed irid jiddistingwi jekk il-kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa hix jekk tali organu hux “imparzjali w indipendenti” u/jew jekk jissodisfax ir-rekwiżiti sostantivi ta' xi wieħed jew aktar mill-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li jiggarantixxu xi dritt partikolari, jew jekk il-kwistjoni hix prettament waħda proċedurali biex jiġi determinat jekk, għall-finijiet ta' disposizzjoni partikolari – Art. 46(3) – dak l-organu hux “qorti” fis-sens tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 47. Din il-Qorti eżaminat is-sentenzi kollha msemmija fis-sentenza appellata u, ħlief għal **Il-Pulizija v. Emanuel Vella** (fn. 5 Qorti Kostituzzjonali, 28 ta' Ġunju, 1983)*

[1] 30.06.2004.

*u* ***Kummissarju tal-Art v. Violet Briffa et*** *(fn. 6 Prim Awla, 19 ta' Ġunju, 2003), ebda waħda minnhom ma tindirizza l-punt proċedurali tat-tifsira ta' "qorti" għall-finijiet tal-Artikolu 46(3) iżda jittrattaw kollha dwar jekk l-organu li dwaru kien hemm l-ilment kienx wieħed li jaqa' fid-definizzjoni ta' xi wieħed jew aktar mid-disposizzjonijiet sostantivi li jipprotegu dritt fondamentali (taħt il-Kostitizzjoni jew taħt il-Konvenzjoni). Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din mhix kwistjoni ta' "prattiċità" in konfront ma' "…l-intralċ żejjed preċipitat minn interpretazzjonijiet riġidi u stretti tal-ittra preċiża tal-ligi u formalitajiet proċedurali esasperanti." Hawn qegħdin fil-kamp tal-proċedura fejn m'għandux ikun hemm lok ta' interpretazzjonijiet innovattivi li jiddipartixxu mill-kliem ċar tal-liġi, għax altrimenti mhux biss tinħoloq l-inċertezza għall-partijiet, iżda wkoll faċilment tista' tinbet l-arbitrarjetà f'idejn l-organi ġudizzjarji. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kwistjoni hi, fil-verità, waħda sempliċi. Għalkemm fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni l-leġislatur juza il-kliem "qorti", "tribunal" u "awtorità ġudikanti" (eż. Artikoli 34(1)(ċ)(d), 37(1)(b), 39(1)(2)), hu evidenti li dawn il-kliem ma għandhomx l-istess tifsira. Dan jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-Artikolu 39. Hekk, filwaqt li għal dak li għandu x'jaqsam ma' akkuża ta' reati kriminali persuna għandha tiġi proċessata minn "qorti" – subartikolu (1) – meta si tratta ta' deċiżjoni* "dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" l-organu (li xorta waħda jrid ikun indipendenti w imparzjali) jista' jkun jew "qorti" jew "awtorità oħra ġudikanti" *– subartikolu (2). Kif ġie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Emanuel Vella*** *(aktar 'l fuq imsemmija):*

***Toħroġ waħedha l-konklużjoni, għalhekk, li skont il-Kostituzzjoni t-termini "qorti" u "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti" m'humiex ekwipollenti u ma jintużawx indiskriminatament wieħed għall-ieħor. Meta trid tfisser "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti", il-Kostituzzjoni tgħidu, u għalhekk meta tuża t-terminu "qorti" waħdu ma nistgħux nestendu s-sinjifikat ta' din il-kelma anke għal dak li mhux qiegħed jiġi nkluż u li meta riedet tinkludih il-Kostituzzjoni inkludietu…Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 48(1) (fn. 7 Illum 47(1)) tgħid ukoll li għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Kapitolu IV, li jirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu…il-kelma "qorti" tfisser kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinarja, u fl-artikoli 34 u 36 (fn. 8 Illum 33 u 35) tal-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra liġi dixxiplinarja, qorti hekk imwaqqfa. Din id-definizzjoni turi biċ-ċar li min għamel il-Kostituzzjoni, wara li, kif ġià spjegat, iddistingwa bejn "qorti" u "tribunal" u "awtorità oħra ġudikanti", kompla jagħmel din id-distinzjoni meta ddefinixxa l-kelma "qorti" billi ma nkludiex fiha la tribunal u l-anqas awtorità oħra ġudikanti, kif kien wisq naturali jagħmel kieku ried jagħti lill-kelma "qorti" sinjifikat estensiv b'mod li tinkludi wkoll "tribunal" jew "awtorità oħra ġudikanti". Din il-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-kelma "qorti" tinkludi kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata.***

*Din il-Qorti, kif illum komposta, taqbel perfettament ma' din is-silta mis-sentenza ta'* ***Emanuel Vella****. Din il-Qorti żżid tosserva a propositu li hu evidenti li meta, fid-definizzjoni ta' "qorti" mogħtija fl-Artikolu 47(1) il-leġislatur jirreferi għal "qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinari" kien qed jirreferi għall-qrati marzjali, b'mod għalhekk li tali qorti tista' – jew aħjar kienet tista' – tikkundanna lil xi ħadd għall-mewt minħabba li jkun ikkommetta reat kontra l-liġi dixxiplinarja applikabbli (Art. 33(1)), kif ukoll tista' tikkundanna lil dak li jkun għal xogħol furzat (Art. 33(2)(a)(b)). Qorti marzjali, iżda, xorta waħda ma tistax tagħmel referenza fit-termini tal-Artikolu 46(3) proprju għax l-estensjoni tal-kelma "qorti" biex tinkludi "qorti marzjali" hi limitata għall-Artikoli 33 u 35. Issegwi, għalhekk, il-mistoqsija: liema organi jammontaw għal "qrati" (eċċetwati l-qrati marzjali) fis-sens tad-definizzjoni kontenuta fl-Artikolu 47(1) tal-Kostituzzjoni? Ir-risposta ngħatat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza ta'* ***Emmanuel Vella****:*

***Minn eżami ta' din it-Taqsima [Kapitolu VIII – Il-Ġudizzjarju] jidher li l-Kostituzzjoni qiegħda tikkontempla żewġ xorta ta' Qrati – il-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri. Din id-distinzjoni magħmula mill-Kostituzzjoni taqbel mad-distinzjoni li kienet ġiet introdotta għall-ewwel darba fil-bidu tal-okkupazzjoni Ingliża f'Malta mill-ewwel Gvernatur Ingliż Sir Thomas Maitland, u tinsab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll fil-Kodiċi Kriminali. L-istess Taqsima, imbgħad, tirriferixxi għall-Imħallfin tal-Qrati Superjuri u tiddisponi dwar il-ħatra u t-tiżmim tal-kariga tagħhom. It-taqsima tirriferixxi imbgħad għall-Maġistrati tal-Qrati Inferjuri u tiddisponi dwar il-ħatra tagħhom u tapplika għalihom id-disposizzjonijiet rigwardanti t-tiżmim tal-kariga ta' Mħallef. Jidher ċar mill-kumpless tad-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima li minn għamel il-Kostituzzjoni bil-kelma "Qorti" ried jifhem biss "Qorti Superjuri" jew "Qorti Inferjuri"…***

*Din il-Qorti ma tara li għandha b'ebda mod tiddipartixxi minn dan l-insenjament. L-organi ġudizzjarji ordinarji huma dawk li jikkwalifikaw bħala jew Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri fit-termini tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u huwa għal dawn il-"qrati" li l-leġislatur qed jirreferi fl-Artikoli 46(3) u 47(1) tal-Kostituzzjoni (eċċettwati dejjem il-qrati marzjali limitatament għall-Artikoli 33 u 35). Din id-differenza bejn l-dawk l-organi li jiffurmaw parti mill-istruttura ordinarja u dawk l-organi l-oħra li, għalkemm jamministraw il-ġustizzja (u jistgħu anke jissejħu "qrati"), ma jiffurmawx hekk parti ġiet senjalata minn din il-Qorti, ukoll diversament komposta, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru, 1997 fl-ismijiet* ***Cecil Pace et v. Onorevoli Prim Ministru et*** *fejn inghad hekk:*

***Tribunal jew, kif grafikament espress fil-Kostituzzjoni, "awtorità ġudikanti" imwaqqfa b'liġi biex ikun jista' jikkwalifika bħala tali jeħtieġ li jkun karatterizzat bil-fatt li jkun korp b'funzjoni ġudizzjarja bil-fakoltà li jiddetermina u jiddeċiedi materji li skont dik il-liġi jaqgħu fil-kompetenza tiegħu. Hu korp li jeħtieġ li jipproċedi skont ir-regoli preċiżi u ben stabbiliti fil-liġi li tikkostitwih u li jiddeċidi***

***skont dawk ir-regoli. Għandu jkollu l-poter li jorbot lill-partijiet li jidhru quddiemu in kontestazzjoni u d-deċiżjoni tiegħu jeħtieġ allura li jkollha effett vinkolanti anke jekk mhux neċessarjament b'mod finali. Mill-banda l-oħra dan il-korp mhux bilfors – kif ġa aċċennat – għandu jkun jifforma parti mill-istruttura ġudizzjarja ordinarja però jrid jinkorpora fih dawk il-karatteristiċi fondamentali assoċjati mal-proċess ġudizzjarju li jkunu jiggarantixxu s-smigħ xieraq fosthom dak il-minimu ta' indipendenza u imparzjalità essenzjali biex juru li mhux biss il-ġustizzja tkun qed issir sewwa u kif mistenni imma li jkun hemm jidher fid-dieher li jkun qed isir.*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Biex tikkonkludi, għalhekk, din il-Qorti tafferma li il-qrati li l-leġislatur qed jirreferi għalihom fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm tal-Artikolu 47(1) kif ukoll tad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 li ġie meħud testwalment mill-Kostituzzjoni, huma, fil-kamp ċivili, il-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali (fn. 9 Qabel l-emenda introdotta bl-Att XXIV ta' l-1995 kien hemm ukoll il-Qorti tal-Kummerċ) kwantu Qrati Superjuri, u il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal dak li huma l-Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali għal dak li huma Qrati Superjuri. Il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet la jista' jiġi kkunsidrat bħala Qorti Superjuri u anqas bħala Qorti Inferjuri f'dan is-sens; u għalhekk l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 ma japplikawx ghalih.*

*Din il-Qorti hi konfortata f'din id-deċiżjoni tagħha minn żewġ konsiderazzjonijiet oħra. Skont l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 88, iċ-chairman tal-Bord jista' jkun "*…persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' mħallef jew persuna li jkollha l-kariga ta' maġistrat.*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Għalhekk, kieku wieħed kellu jieħu l-kriterju tal-presidenza tal-Bord bħala xi kriterju determinanti għad-deċiżjoni jekk l-istess Bord hux "qorti" o meno – bħalma għamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata – ikun ifisser li dana l-Bord ikun xi mindaqqiet "Qorti Superjuri" u xi mindaqqiet "Qorti Inferjuri" – sitwazzjoni ta' inċertezza li hi ċertament kontro-indikata għall-fini biex jiġi determinat il-post ta' organu ġudizzjarju fis-sistema ġudizzjarja tal-pajjż. Inoltre, il-Bord jista' jkun presjedut minn persuna li kellha l-kariga ta' mħallef (u meta jkun hekk dik il-persuna trid tieħu l-ġurament kif preskritt fl-Artikolu 24(1) tal-Kap. 88). Il-Kostituzzjoni, invece, b'"qorti" tifhem biss qorti li tkun presjeduta minn Imħallef jew minn Maġistrat li jkun għadu fil-kariga (ossia jkun ghadu ma rtirax bl-età jew ma rriżenjax jew tneħħa) jew minn Aġent Imħallef nominat skont l-Artikolu 98(2) tal-istess Kostituzzjoni. Konsiderazzjoni oħra temani mill-Artikolu 25(2)(a) tal-Kap. 88. Tant il-Bord ma hux, u ma jistax jitqies li hu, la Qorti Superjuri u anqas Qorti Inferjuri fis-sens tal-Kostituzzjoni li l-leġislatur kellu jinkludi fil-liġi disposizzjoni partikolari (fn. 10 Art. 25(2)(a):* **"Il-Bord għandu l-istess setgħat illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha skont il-liġi, u, mingħajr ħsara tad-**

**disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu, sa fejn jistgħu jgħoddu, għall-Bord"**) *biex il-Bord ikollu l-istess setgħat tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Differentement, per eżempju, il-leġislatur ipprovda dwar il-Qorti tal-Minorenni imwaqqfa taħt il-Kapitolu 287 – l-Artikolu 3(2) tal-imsemmi Kap. 287 jipprovdi espressament li* "…il-Qorti tal-Minorenni titqies li hi Qorti tal-Maġistrati u jkollha l-istess ġurisdizzjoni dwar is-smigħ ta' akkużi u dwar proċedimenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' tfal jew żgħażagħ li l-Qorti tal-Maġistrati, bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u bħala qorti ta' inkjesta, kien ikollha, kieku ma kinux għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att" *(sottolinear ta' din il-Qorti).".*

10. Barra minn hekk, din il-Qorti tirrileva li l-Bord li Jirregola l-Kera ġie mwaqqaf b'liġi li ġiet ippromulgata fl-1931, u għalhekk ferm qabel ma saret il-Kostituzzjoni ta' Malta fl-1964 u ġie ppromulgat il-Kap. 319 fl-1987. Li kieku l-leġislatur ried tabilħaqq li l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319 japplikaw ukoll għall-Bord, huwa kien jgħid dan espressament. Il-fatt li l-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[2], jekk xejn jikkonferma illi l-Bord li Jirregola l-Kera mhuwiex 'qorti' għall-finijiet tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Kap. 319, tant hu hekk illi l-leġislatur ħass li kellu għalfejn jispeċifika illi l-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

11. Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu tat-2 ta' Frar, 2023, u mir-rikorrenti riferiti Margaret Psaila et fir-risposta tagħhom tas-6 ta' Frar, 2023, fis-sens li r-referenza in kwistjoni hija nulla stante li l-Bord li Jirregola l-Kera ma setax jagħmel referenza skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Għalhekk tibghat l-atti ta' dak il-Bord lura lilu, flimkien ma kopja tas-sentenza odjerna, sabiex dak il-Bord jiddeciedi l-vertenza quddiemu skont il-ligi.

[2] L-artikolu 20 tal-Kap. 69.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**